# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn (10) taʼ Lulju 2017**

**Rikors Numru 85/15 FDP**

**FIN Limited**
**(C 57021)**

**vs**

**Jason Galea operatu tan-negozju bl-isem Liftman**
**(ID 186779M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl 10 ta' Marzu 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' tlett elef, hames mija u erbghin Euro li jinkludi l-VAT (€3,540) u li jirrigwarda xoghol ta' electrical control panel u accessorji taghha ordnata minnu u debitament ikkonsenjata fil-fond 'Maypole' tan-Naxxar f'Settembru 2014.

Rat ir-risposta ta' Jason Galea ippresentata fit-8 ta' April 2015 fejn laqa' ghal dak mitlub billi ghamel is-segwenti difiza:

1. Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, fejn anke 1-ftit fatti esposti konsistenti f paragrafu wiehed huma nkorretti, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazjoni ta' dan ir-Rikors;

2. Illi filfatt 1-pendenzi li hemm bejn il-partijiet, ma ghandhom assolutament ebda konessjoni mal-control panel li ghaliha qed taghmel referenza s-socjeta rikorrenti;

3. Illi in ogni caso, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim bejn il-partijiet qatt ma gie ffinalizzat, u dan peresss illi 1-kontendenti kienu fthemu illi l-intimat kellu jeffetwa 1-pagament BISS galadarba l-istess socjeta rikorrenti tghaddielu d-dokumenti mitluba; illi dan qatt ma sehh u ghalhekk din il-procedura hija f'dan 1-istadju insostenibbli;

4. Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-control panel mertu tal-kawza, xorta ma kenitx tal-kwalita pattuwita bejn il-kontendenti, u cioe skond 1-specifications mitluba minn 1-intimat, tant illi kellhom isiru divcrsi modifiki fuqha;

5. Illi inoltre, din 1-istess control panel kienet difettuza, tant illi 1-klijent ta' 1-intimat u cioe Maypole Bakery, kien ilu jilmenta illi l-lift installat lilu kien qed jieqaf b' mod kontinwu, tant illi tghallem huwa stess kif jaghmel reset tas-sistema u dan sabiex ikun jista jkompli jhaddem l-lift;

6. Illi come di fatti din 1-istess panel lanqas biss kienet konformi mad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja vigenti fir-rigward, senjatament il-Machinery Directive;

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, 1-prezz mitlub mis-socjeta intimata huwa wiehed esagerat, u ma jirriflettiex il-prezz attwali fis-suq ta' control panel bhal dik in kwistjoni;

Rat l-affidavit ta’ **Glen Galdes, Sergio Zammit** u **Jean Paul Camilleri** lkoll ippresentati mis-socjeta rikorrenti fil-11 ta’ Gunju 2015 flimkien ma dokumentazzjoni maghha annessa.

Semghet ix-xhieda ta’ **Joseph Spiteri**, li jmexxi l-hanut tal-Maypole gewwa in-Naxxar, moghtija fil 11 ta’ Gunju 2015 u fit 12 ta’ Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ l-**Ingineer Raymond Spiteri** moghtija fid-19 ta’ Novembru 2015

Rat illi s-socjeta rikorrenti ghalqet il-provi taghha fid 19 ta’ Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta’ l-intimat **Jason Galea** moghtija fis 16 ta’ Mejju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tal-**Ingineer Nicholas Bellizzi** moghtija fis 16 ta’ Mejju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet il-kontro ezami ta’ Glenn Galdes u ta’ Jean Paul Camilleri illi saret fid 9 ta’ Marzu 2017.

Rat illi fit 18 ta’ Mejju 2017 il-partijiet kollha ddikjaraw illi ma kellhomx provi ohra x’jippresentaw u li l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali orali.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tas-socjeta rikorrenti moghtija fit 22 ta’ Gunju 2017.

Rat illi d-difensur ta’ l-intimat talbet illi tkun tista taghmel sottomissjonijiet.

Rat illi, peress illi l-kawza kienet differita ghat-trattazzjoni orali, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-lum bid-dritt lill intimat illi jaghmel is-sottomissjonijet bil-miktub sat 3 ta’ Lulju 2017.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti hija kumpannija li jahdmu fil-qasam tal-awtomazzjoni industrijali u jiddisenjaw jibnu u jipprogrammaw magni awtomatizzati u electrical control panels sabiex jikkontrollaw tali magni.

Jirrizulta illi l-intimat jopera bl-isem ta' Liftman u jbiegh u jinstalla lifts ghall-klijenti.

Jirrizulta illi fil-bidu tas-sena 2014, sehhet laqgha bejn rappresnetant tas-socjeta rikorrenti, Glenn Galdes u l-intimat b'konnessjoni ta' provizjoni ta' sistema elettrika ta' lift da' parte tas-socjeta rikorrenti ghall-lifts illi kien qieghed jinstalla l-intimat. Hemm kunflitt dwar kif attwalment sar tali ftehim, peress illi s-socjeta rikorrenti tikkontendi li l-ftehim kien illi hija tipprovdi zewgt 'electrical control panels' ghal goods lifts li kellhom jiswew €3,000 kull wiehed eskluz il-VAT filwaqt illi l-intimat jikkontendi illi l-ftehim kien illi l-lift jinbena bi shab flimkien u l-prezz ta' kull controller kellu jkun ta' madwar €2,000.

Jirrizulta, madanakollu, illi ebda kitba ta' ftehim ma sar bejn il-partijiet.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti installat l-ewwel 'electrical control panel' fuq il-lift illi kellu jigi installat gewwa Hal Tarxien, liema lift gie kkummissjonat u kien operanti u eventwalment is-socjeta rikorrenti thallset ta' dana l-impjant ghall-prezz ta' €3,540, kif jidher mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrent a fol 40 fejn, fost affarjiet, hemm ukoll ir-ricevuta fiskali datata 23 ta' Ottubru 2011.

Jirrizulta illi sussegwentement, ghalkemm l-intimat ma kienx hallas id-depositu rikjest mis-socjeta rikorrent, in vista tal-fatt illi l-intimat wieghed lis-socjeta rikorrenti li malli jigi installaw is-sistema elettrika, il-lift ikun operanti w ghalhekk ikollu flus biex ihallashom huma pprocedew biex jinstallaw il-lift fit-tieni hanut, din id-darba gewwa il-hanut tal-Maypole tan-Naxxar.

Jirrizulta illi, madanakollu, minkejja illi dana il-lift kien gie installat, is-socjeta rikorrenti baqghet ma thallsietx ta' dak minnha dovut.

Jirrizulta illi, di fatti, il-lift kien qieghed jizviluppa varji problemi u ghalhekk l-intimat ma kienx thallas u kien qieghed jipprova jsolvi l-problema tal-lift mas-sidien tal-Maypole.

Jirrizulta illi huwa kien dejjem jghid lis-sid tal-Maypole tan-Naxxar, Joseph Spiteri, illi l-problemi illi huwa kellu kien ta' natura elettrika u, jekk ma jsolvihiex, irid ibiddel is-sistema elettrika installata.

Jirrizulta, madanakollu, illi skond l-Ingineer imqabbad mill-intimat sabiex jivverifika x-xoghol illi sar, l-Ingineer Nicholas Bellizzi, il-problemi illi kellhom il-lift kienu attwalment problemi mekkanici, relatati mal-mechanical interlock tal-bibien, mal-koxox ta' l-istess bibieb u il-pit tal-lift, fejn kien hemm varji nuqqasijiet. (fol 105)

Jirrizulta illi eventwalment is-sidien tal-Maypole gabu l-Ingineer taghhom, l-Ingineer Raymond Spiteri sabiex jispezzjona il-lift installat mill-intimat, liema Ingineer minnufih ordna illi l-lift jitwaqqaf l-uzu tieghu peress illi kellu problemi serji fid-disinn tieghu, stante illi l-piston tal-lift kien "undersized" bir-rizultat illi seta jcedi bil-merkanzija u nies kollha gewwa fiha.

Jirrizulta illi, rizultat ta' dawna d-difetti mekkanici riskontrati mill-Ingineer Spiteri, l-intimat eventwalment zarma il-lift kollu u installa lift gdid ghal-Maypole.

Jirrizulta, finalment, illi mal-Maypole huwa kien ffirma ftehim f'ismu proprju fid 19 ta'Settembru 2014 bhala 'Jason Galea obo Liftman Malta' (fol 52) u is-socjeta rikorrenti qatt ma dehret bhala siehba f'dana il-progett, a differenza ta' dan indikat mill-intimat.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti, u mix-xhieda taz-zewgt xhieda teknici prodotti quddiem dina l-Qorti, jidher car illi l-problema illi kien hemm fil-lift installat mill-intimat gewwa il-hanut tal-Maypole tan-Naxxar kien wiehed mekkaniku u mhux elettroniku kif kien qieghed jallega l-intimat.

Jirrizulta wkoll illi, a differenza ta' dak illi kien qieghed jallega l-intimat, il-lift ma sarx bi shab mas-socjeta rikorrenti, izda sar unikament mill-intimat, li di fatti dahal fi ftehim huwa direttament mar-rappresentanti tal-Maypole.

Jirrizulta, finalment, illi ghal lift l-iehor illi kien installat u li tieghu wkoll is-socjeta rikorrenti ghamlet is-sistema elettronika, l-intimat eventwalment wara hafna giri da' parte tas-socjeta rikorrenti, hallas ghas-sistema pprovduta, uhallas €3,540, ossija l-istess prezz illi is-socjeta rikorrenti qieghda titlob ghas-sistema elettronika pprovduta fil-lift gewwa n-Naxxar.

Jirrizulta ghalhekk illi t-tezi tas-socjeta rikorrenti illi hija tqabbdet sabiex tforni sistema elettronika hija ferm aktar plawsibbli mill-verzjoni moghtija mill-intimat ta' ftehim ta' shab, apparti l-fatt illi dana l-allegat ftehim jidher illi qatt ma sar bil-miktub.

Ikkunsidrat dana kollu, il-Qortima tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tilqa t-talba maghmulha mis-socjeta rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tas-socjeta attrici,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talba attrici kif dedotta, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tlett elef, hames mija u erbghin Euro li jinkludi l-VAT (€3,540) li jinkludi l-VAT u li jirrigwarda xoghol ta' electrical control panel u accessorji taghha ordnata minnu u debitament ikkonsenjata fil-fond 'Maypole' tan-Naxxar

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mit 23 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur